# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tar-Raba laqgha tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar **it-Tlieta 14 ta' Ottubru 2014, fil-5.00 p.m.**

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Carmel Camilleri<br>Is-Sur Anthony Gatt<br>Is-Sinjura Helen Montebello |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenti) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghar-raba laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti Dott. Francesca Zarb, s-Sinjura Helen Montebello, s-Sur Carmel Camilleri u s-Sur Anthony Gatt.

Ghal din il-laqgha ma kienx hemm presenza tal-publiku.

1. **Talba**

   Il-laqgha bdiet billi c-Chairperson, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. **Korrezzjonijiet**

   Ma kienx hemm korrezzjonjiet.

3. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 3**

   Il-minuti tat-tielet laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija.

   Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjura Helen Montebello.

4. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

4.1 Dott. Francesca Zarb qalet li rigward il-maratona tat-13 ta' Dicembru kienet tkellmet mas-Sur Euchar Camilleri li jiehu hsieb il-Birkirkara St Joseph Sports Club, fejn dan stqar li din il-maratona kienet se terga ssir din is-sena. Dott. Francesca Zarb qalet li hi kienet ghamlet talba formali lil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biex il-kumitat jinghata s-somma ta' €500 biex jkun jista jiehu sehem u jghin fl-organizzazjoni ta' din l-attivita bhall ma kien jigri fis-snin ta' qabel. Hija ziedet tghid li din it-talba kienet giet michuda mill-Kunsill u staqsiet kienx hemm cans li l-kunsill jerga jikkunsidra din italba biex din is-somma tinghata. Is-Segretarju spjega li l-ghada ta' din il-laqgha kellha ssir il-laqgha tal-Kunsill ta' Birkirkara u peress li Dott. Francesca Zarb tkun prezenti ghal dawn il-laqghat, kien jaqbel li hija kellha terga taghmel it-talba taghha.

4.2 Dott. Francesca Zarb staqsiet kienx hemm xi zvillup rigward il-progett tal-bieb ta' Fleur-de-Lys. Is-segretarju spjega li dakinhar stess huwa kien tkellem mal-perit fejn din spjegat li kienu saru xi alterazzjonijiet zghar fil-pedamenti biex jkun jista jsir dak li jissejjah 'Raft Foundation', sabiex servizzi li ghaddejjin minn gewwa din ir-roundabout ma jitmissux. Dott. Francesca Zarb staqsiet jekk dan il-progett kienx kollu 'covered' minn naha ta' fondi. Is-segretarju spjega li dan ma kienx minnu ghal xi €40,000. Barra minnhekk huwa zied jghid li l-aktar servizz li kien qed johloq problema kien dak tal-Go Plc, peress li dawn kellhom *Optic Fibre* ghaddej minn taht din ir-roundabout. Fortunatament instab mezz kif dan is-servizz ma jintmessx, pero l-ingineer sostna li hu ghandu jkun prezenti meta jsiru l-*manholes* mitluba kif ukoll meta jsir il-*landscaping* tar-roundabout, biex hu jkun accertat li jibqa access ghall-*optic fibres.* L-unika servizz li kien ghad baqa kien dak tal-Water Services, pero fuq dan hu ken accertat li m'hemmx problemi ghax aktarx is-servizz kien mejjet u jista jitnehha. Is-segretarju spjega li n-nefqa proggetata kienet dik ta' €205,000 u spjega kemm u minn fejn kienu gejjin il-fondi biex dan il-progett isir. Huwa zied jghid li- s-Sindku kienet qed tipprova iggib permess biex dan il-progett ikun ezentat mill-VAT peress li dan kien progett ta' Heritage. Jekk dan jirnexxi allura l-ispiza tonqos ghal €167,000. Dott. Francesca Zarb staqsiet jekk il-Kumitat Amministrattiv kienx sejjer jiehu fondi ghal affarijiet ohra sakhemm huwa jaghmel tajjeb ghal dan l-ammont.

4.3 Rigward l-*IT centre*, is-Sur Carmel Camilleri staqsa jekk il-PC's li kienu mwieghda kienux ghadhom available u jekk kienx possibli li ssir l-upgrade mehtiega lil dawn l-istess PC's. Dott. Francesca Zarb qalet li hija ghandha tistaqsi lis-Sindku rigward dan fil-laqgha li kellha ssir l-ghada. Gie ssuggerit li wiehed ghandu jistaqsi lill-MITA jekk kelliex xi PC's li mhux qed taghmel uzu minnhom, forsi seta jsir arrangament biex dawn jisselfu.

4.4 Dwar in-newsletter, Dott. Francesca Zarb qalet li din ghandha ssir fuq folja wahda ta' daqs A4 *back and front.* F'din in-newsletter ghandha tissemma l-laqgha publika. Gie ssuggerit li din il-laqgha ghandha ssir il-Gimgha 21 ta' Novembru 2014 fis-7.15 pm.

4.5 Dott. Francesca Zarb qalet li l-kumitat kellu kemm facebook kif ukoll website. L-ewwel hija b'xejn izda it-tieni hija bil-flus. Is-segretarju qal li dawn il-flus jistghu jigu frankati billi 'ssir buttuna Fleur-de-Lys fuq il-*website* ta' Birkirkara u b'hekk tinfetah pagna dedikata lill-Fleur-de-Lys. Ghal dan kien hemm qbil li ghandu jsir hekk u li l-website ta' Fleur-de-Lys ghandha tieqaf minnufih.

## 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

5.1 Dott. Francesca Zarb qalet li kellha hafna lmenti li dealer tal-karozzi li kien jinsab fil-kantuniera ta' Triq L-Ewwel ta' Mejju ma Triq Fleur-de-Lys kien qed johloq periklu peress li kien qed jipparkja vetturi fil-kantuniera fuq il-yellow double lines. Is-Sur Anthony Gatt qal li f'dan il-post kien ga sar incident li kellu konsegwenzi serji.

5.2 Ilment iehor kien dak dwar l-istage ta' Fleur-de-Lys. Kien mitlub li dan ghandu ghallinqas jitnaddaf sakhemm jerga jiffunzjona.

5.3 Dott. Francesca Zarb staqsiet lill-membri kienux qed jiehdu r-rendikont mifthiem ta' kemm kien hemm *Motoring Schools* li kienu qed juzaw Triq Notabile biex jghallmu l-karozza. Kien mifthiem li l-membri ghandhom jaghmlu ghassa biex jaraw x' kienu il-hinijiet u kemm il-karozza jkun hemm fuq medda ta' xahar. Wara li tingabar din id-data, din ghandha tintbghat lill-Transport Malta biex jittiehdu passi halli tigi evitata kongestjoni ta' traffiku.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fil-6.15 p.m u giet aggornata ghal nhar il-Hamis, 27 ta' Novembru 2014, fil-5.00 p.m. fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Dott. Francesca Zarb | Is-Sur Arthur Pizzuto |
| Chairperson | Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv |